

# L-Istatwa ta' San Ġużepp

## li tinsab fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali tal-Mosta

Kitba ta' Mark Micallef B. Com

**Nota Editorjali**

*Mark Micallef, ta' patrijott Mosti li hu, spiss jiktbilna fuq ir-rabta kbira li hemm fir-raħal antik tal-Mosta mal-Patrijarka San Ġużepp - rabta li nbdiet meta żewġ qassisin aħwa għoġbithom l-Istatwa ta' San Ġużepp li nsibu fil-Knisja Parrokkjali tagħna, u ħasbu biex ikattru d-devozzjoni Ġużeppina f'pajjiżhom. U proprju s-sena l-oħra, statwa ta' San Ġużepp, li tinsab fil-post tant prominenti taz-Zuntier tar-Rotunda, minn konkos, ġiet fonduta fil-bronż biex iżżid fil-preġju tagħha bħala opra tal-arti. Aħna filwaqt li nifirħu mal-poplu Mosti għal dan l-akkwist, li żgur kompla sebbaħ it-Tempju Maestuż tal-Assunta, insostnu li huwa l-pjaċir tagħna li naraw inizjattivi simili, li jsiru xhieda li d-devozzjoni lejn il-Qaddis Ġużeppi għadha qawwija sal-lum il-ġurnata u mhux ser tnin.*



Wara li tlesta il-bini tal-Knisja monumentali tal-Mosta, proprju madwar mija u ħamsin sena ilu, kien inbena ukoll quddiema l-ewwel zuntier li kellha. Dan kien mifrux quddiem il-portiku mponenti taghha, kien jidħol u joħrog 'il barra madwarha, miftuħ u mtarraġ minn kullimkien. Kien imżejjen ukoll b'żewġ statwi tal-ġebel ta' artist mhux magħruf, waħda ta' Santa Marija u l-oħra ta' San Ġużepp. Dawn l-istatwi kienu mgħollija fuq pedestal kemmxejn għoli u mponenti.

Għall-ħabta tal-1928 inbena t-tieni zuntier tar-Rotunda, imma din id-darba sar skont il-pjanta tal-Arkitett Grognet b'xi tibdil żgħir f'dawk li huma qisien. Dan huwa dak iz-zuntier li naraw illum.

B'xorti ħazina, l-istatwi oriġinali tal-ġebel ta' Santa Marija u San Ġużepp ġew meqrudin għal kollox. Imma fl-1931, b'xorti tajba saru minn flokhom, tnejn ġodda tas-siment abjad xogħol mill-iżjed artistiku tal-magħruf skultur Ċensu Apap. Dawn kien ħallas għalihom is-Sur Ġużeppi Dingli, missier l-aħwa qassisin Dun Ang u Dun Karm.

L-istatwa ta' San Ġużepp hija xogħol mill-isbaħ fejn l-artist



qiegħed juri lil San Ġużepp wieqaf, iżomm b'idejh it-tnejn lit-tfajjel Ġesù Bambin. Fis-sempliċità ta' din l-istatwa Vincenzo Apap irnexxielu joħroġ l-umiltà ta' dan il-Qaddis.

Ġara imma li matul dawn l-aħħar tmenin sena li għaddew, għal ħafna raġunijiet, kemm iz-zuntier u kemm l-istatwi ta' Apap, saritilhom ħsara kbira. L-uniku rimedju kien li jerġgħu jsiru mill-ġdid u l-antiki jiġu ppresevati f'xi post ġewwa biex ma ssirilhomx iktar ħsara mill-elementi.





Kien għalhekk li ġie deċiż li jsiru fil-bronż biex jibqgħu tifkira dejjiema fl-okkażjoni ta' għeluq l-400 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tagħna. Dawn inħadmu fil-Funderija Artistika li tinsab Ħal Luqa. Ix-xogħol sar mill-brunżar ta' ħila s-Sur Joe Chetcuti li rnexxielu jurina fil-bronz il-kobor tal-iskultur Ċensu Apap, li kieku kien għadu ħaj fostna, min jaf kemm kien jifraħ jarahom tal-bronż, kif dejjem xtaqhom hu.

L-istatwa ta' San Ġużepp ġiet imħallsa minn Mons. Bartolomeo Bezzina magħruf fostna il-Mostin bħala l-Arċipriet tal-Inkurunazzjoni.

Ġew imbierka mill-Arċipriet, Dun Mario Tong nhar il-15 ta' Mejju 2010 u tqiegħdu f'posthom biex iżejnu iz-zuntier tar-Rotunda nhar l-10 ta' Awwissu 2010. Jalla d-devozzjoni tagħna lejn Santa Marija u l-Għarus tagħha San Ġużepp tkompli tissaħħaħ.